MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 180/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Antoinette LUMLUM [ID. Nru. 489072M] u b'digriet tat-Tribunal datat 21 ta' Marzu, 2012 isem il-konvenuta gie korrett ghall-LAMLUM**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fil-5 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' elf u wiehed u hamsin euro u tmien centezmi ta' euro [€1,051.08] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u wiehed u hamsin euro u tmien centezmi (€1,051.08) skont il-prospett hawn anness u markat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni u cioe tat-televizjoni u telefoniku,

numru tal-kont A/C 40137932, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar kont u cioe mill-1 ta' Marzu, 2010 kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna nhar il-15 ta' Mejju, 2012, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-23 ta' Mejju, 2012, nhar it-2 ta' Lulju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-2 ta' Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u wiehed u hamsin euro u tmien centezmi ta' euro [€1051.08], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------